MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2008

Numru. 415/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**V**

**REVERENDU EMANUEL SALIBA**
**JOSEPH SALIBA**
**FABIANA GRECH**
**ANGOLINA SCHEMBRI**
**ANTONIO SALIBA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **REVERENDU EMANUEL SALIBA** bin Vincent u M'Antonia nee Dimech, imwieled nhar t-tlieta ta' Dicembru 1966 u residenti 'Ave Maria', Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 38266G, **JOSEPH SALIBA** bin Vincent u

M’Antonia nee Dimech, imwieled nhar l-hamsa ta’ Dicembru 1971 u residenti 'Mystic Rose’, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 30571G, **FABIANA GRECH** mart Publiju u bint Vincent Saliba u M’Antonia nee Dimech, imwielda nhar d-disgha w ghoxrin t’Awissu 1974 u residenti ‘Cor Maria’ Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 18374G, **ANGOLINA SCHEMBRI** mart Francis u bint Vincent Saliba u M’Antonia nee Dimech, imwielda nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Gunju 1965 u residenti ‘Redentur’ Triq Mattia Preti, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 23165G u **ANTONIO SALIBA** bin Paolo u Angela nee Vella, imwieled nhar l-ghoxrin t’Ottubru 1927 u residenti 70, Triq Ghajn Mhelel, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 60027G gew mressqa quddiemha akkuzati talli fid-disgha w ghoxrin t’April 2006 wara nofsinhar, minghajr l-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghelu blo-awtorita taghhom nfushom lil familjari Cini mix-Xaghra/Qala, Ghawdex, u8 lil Beatrice Mizzi minn Haz Zabbar, Malta, ihallsu dejn jew jesegwixxu obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkluhom fil-pussess ta' hwejjighom u cioe f’bicca art fi Triq x-Xwejni, Marsalforn, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi ndahlu fi hwejjighom.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz l-affidavit ta’ PS 1346 Anton Schembri, s-sentenza datata hamsa t’Ottubru 2004 (Citazzjoni Numru 138/1989), s-sentenza tal-hamsa t’Ottubru 2004 (Citazzjoni numru 27/1998), s-sentenza tal-hamsa t’Ottubru 2004 (Citazzjoni numru 22/1998), w il-Mandat t’Inibizzjoni, il-kuntratt redatt minn Nutar Francesco Gauci nhar t-tnejn ta’ Marzu 1938 w il-pjanta mieghu annessa, r-rapport tal-Perit Valerio Schembri esibit bhala Dok. VS, il-kuntratt redatt quddiem in-Nutar Dottor Enzo Dimech nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 1997.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Perit Valerio Schembri, Carmela Cini, Saviour Cini, Francis Cini, kif wkoll lil imputat Reverendu Emanuel

Saliba jixhed minn jeddu b'mod voluntarju nhar l-ghoxrin ta’ Gunju 2008.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrinunzja ghax-xhieda ta’ Beatrice Mizzi.

Ikkunsidrat:

Illi din l-Qorti tirrileva li bhala principju generali tal-proceduri penali, hi l-Prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputati huma veriteri u hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti gharblet il-provi prodotti f'din il-kawza b'mod partikolari ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Dwar l-akkuza, ta' raggion fattasi, din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha fl-ismijiet Il-Pulizija v Joseph Debrincat nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004, fejn sostniet li dan r-reat jigi kommess minn min fl-ezercizzju ta' dritt li ghandu [w indipendenti jekk verament ghandux o meno dak d-dritt] ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjeg ta' dak ix-xi hadd ikun qed igawdi. Il-ligi qed tipprotegi mhux d-dritt ta' sid l-proprjeta, mobbli jhew immobbli, izda d-dritt ta' min ikun qieghed <u>effettivament</u> igawdi dik l-proprjeta, jigifieri ta' min jkollu l-pussess materjali taghha [vide **Il-Pulizija v Paul Schembri** ***deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***].

Illi kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan r-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta'dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni voluntarji fuq proprjeta ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan r-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu d-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni tal-pussess ta' dak li jkun gia jkollu. Hemm

bzonn li jkun hemm att posittiv li jippriva lil terzi, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghaliex kif jghid il-**Carrara** [***Prog. Parte Speciale - Vol 5 - para 2850***]

*"L' atto esterno deve porivare altro contro sua voglia di un bene che gode chi e' nell'attuale godimento di un bene e' continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque perche' la lege protegge lo stato quo, il-quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita gudizziale." [vide* **Il-Pulizija v Eileen Said** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Gunju 2002****].*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-kwerelanti qabdu u dahlu fil-proprejta tal-familja Saliba minghajr ma talbu awtorizzazzjoni abel u fil-fatt ir-Reverendu Emanuel Saliba kien cempel lil pulizija sabiex jinvestiga dan l-ilment. Fuq il-post nizel PS A. Schembri u sab li kienu l-familjari ta' Cini li kienu dahlu ghand l-imputati. Ma hemmx dubbju li l-familja Cini qatt ma kellha l-pussess reklamat minnha.

Ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li <u>ma ssibx</u> lil imputati REVERENDU EMANUEL SALIBA, JOSEPH SALIBA**, **FABIANA GRECH**, **ANGOLINA SCHEMBRI** u **ANTONIO SALIBA <u>hatja</u> tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tilliberahom minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------